# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

### IMHALLEF

### ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)

### Seduta ta' nhar it-Tlieta, 31 ta' Ottubru 2000

Numru 30

Citaz nru 1238/96 DS

Grezzju Gauci u Anna Pace bhala kuraturi ad litem tal-minuri Redeemer
vs
Fabio Psaila u Karmenu Camilleri

Illum, 31 ta' Ottubru 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-18 ta' April 1996 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew:

Illi fis-6 ta' Mejju 1995 it-tifel Redeemer Gauci, bin l-atturi l-ohrajn u genituri ta' l-istess, kien fuq il-bankina pubblika f'Marsa Road, Marsa, kantuniera ma' Triq Zerafa, Marsa, u cioe' fejn fl-anness sketch hemm immarkat bl-ittra "X", ara domument "RD1".

Illi fil-hin li t-tifel Redeemer Gauci gie milqut mill-vettura numru G-2026 Ford meta din kienet misjuqa mill-konvenut Fabio Psaila, dan billi l-istess vetura telghet fuq il-bankina in kwistjoni u korriet gravament lill-istess tifel Redeemer Gauci;

Illi skond l-isketch fuq esebit l-incident gie deskritt hekk: *"whilst car G-2026 was being driven up Marsa Road, Marsa, car number S-8264 emerged from Isouard Street into Marsa Road; car G-2026 swerved to the right, avoided the collision but mounted pavement and hit Redeemer Gauci"*;

Illi l-vettura S-8264 kienet dak il-hin involuta f'dan l-incident u misjuqa mill-konvenut l-iehor Karmenu Camilleri;

Illi dan l-incident awtomobbilistiku okkorra minhabba htija esklusiv tal-konvenuti jew min minnhom peress li kienu qeghdin isuqu l-vetturi rispetttivi taghhom bi traskuragni, negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

Illi f'dan l-incident it-tifel Redeemer Gauci sofra hsara konsistenti f'debilita' f'persuntu li minhabba fiha sofra, qieghed isofri u ser isofri d-danni;

Illi jehtieg li jigu likwidati d-danni sofferti mill-imsemmi Redeemer Gauci;

talbu lil din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara li l-incident awtomobbilistiku li okkorra fis-fis-6 ta’ Mejju 1995 fil-Marsa li fih kien involut Redeemer Gauci, okkorra minhabba htija esklussiva tal-konvenuti jew min minnhom;

2. Tillikwida d-danni sofferti minn Redeemer Gauci okkorrendo b’opera ta’ periti nominandi; u

3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom, sabiex ihallas lill-atturi fil-kwalita’ premessa s-somma li tigi likwidata bl-imghaxijiet legali sal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez u bil-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjoniiet tal-konvenut Karmenu Camilleri fejn qal:

1. Illi l-ewwel talba attrici ghandha tigi michuda stante li ghall-incident stradali ma kienx jahti l-konvenut;

2. Illi jsegwi li t-tieni talba ghandha tigi michuda stante li mhemmx danni x’jigu likwidati;

3. Isegwi, rigwardanti t-tielet talba, li mhemm l-ebda somma li l-esponenti ghandu jigi ikkundannat ihallas lill-attur.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat li l-konvenut Fabio Psaila, debitament notifikat, baqa' kontumaci;

Rat id-digriet tat-18 ta' Marzu 1997 li permezz tieghu giet nominata l-assistenta gudizzjarja Dottor Monica Borg Galea sabiex tigbor il-provi;

Rat id-digriet ta-6 ta' Marzu 1998 li permezz tieghu gie nominat il-konsulent kirurgu Mr. Frederick Zammit Maempel;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fil-5 ta' Frar 1999;

Rat il-verbali tax-xhieda, l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-atturi kif ukoll dik tal-konvenut Fabio Psaila;

Ikkunsidrat illi:-

L-ewwel ma jrid jigi stabbilit huwa jekk il-konvenuti sewwieqa jew min minnhom huma responsabbli ghall-incident de quo. Mid-Dok. RD1 (ir-Road Accident Report) kif ukoll mix-xhieda jirrizulta illi id-danneggjat gie investit waqt li kien fuq il-bankina minn Escort bajda misjuqa mill-konvenut Fabio Psaila. Hemm konkordanza fix-xhieda dwar il-kronologija tal-incident: il-vettura G-2026 misjuqa mill-imsemmi Fabio Psaila kienet tiela' minn Marsa Road u sabiex tevita kollizjoni mal-

vettura S-8264 li kienet hierga minn Isouard Street, izda kienet wieqfa, gibdet lejn il-lemin u baqghet tiela' fuq il-bankina u laqtet it-tifel minuri Redeemer Gauci.

Dwar l-importanza tat-toroq in kwistjoni jirrizulta mill-isketch esebit illi Isouard Street hija laterali ma' Marsa Road u ghandha Stop sign fuq ix-xellug tat-triq; Marsa Road ma fihiex stop signs ghal vetturi li mexjin lejn id-direzzjoni ta' Qormi Road izda hemm Stop sign fil-karreggjata opposta, jigifieri ghat-traffiku li gej mid-direzzjoni opposta meta t-triq tinkrocja ma' Zerafa street. Il-konvenut Psaila kien qed isuq lejn id-direzzjoni ta' Qormi Road.

L-artiklu 82 tar-Regolamenti tal-1994 dwar il-vetturi bil-mutur jistipola illi: "id-driver ta' vettura bil-mutur li jkun gej minn triq sekondarja ghal triq principali ghandu jhalli jghaddi t-traffiku tat-triq principali." Fil-kaz in ezami l-oneru ta' diligenza u prudenza fis-sewqan jistrieh aktar fuq is-sewwieq li hiereg minn Isouard Street sabiex jipprocedi ghal go Marsa Road. Il-konvenut Camilleri xehed illi huwa kien issorpassa lis-Stop sign f'tarf Isouard Street u kien beda jipprocedi f'Marsa Road, din il-manuvra huwa kellu jaghmilha sabiex ikollu vizjoni ahjar tat-triq stante illi fuq il-lemin tieghu kien hemm van ipparkjat li kien qed jostakolalu il-vista tat-triq. Dwar dan id-danneggjat xehed illi "Il-karrozza minn Isouard Street ma kenitx harget hafna imma kienet wieqfa." Hemm konkordanza fix-xhieda illi meta sehh l-incident u precizament mill-mument meta il-konvenut Camilleri ra lill-vettura G-2026 gejja, il-vettura D-8264 kienet wieqfa. Il-manuvra li ghamel il-konvenut Camilleri kienet wahda meqjusa u maghmula bid-diligenza kollha possibli fic-cirkostanzi, huwa kien kostrtett illi jissorpassa lis-Stop sign u jkompli jipprocedi bil-mod go Marsa Road minhabba l-fatt illi fil-pozizzjoni li kien fit-triq huwa ma

setghax jaghmel a proper look out tat-traffiku li kien ghaddej.  Kien ikun differenti l-kaz kieku l-konvenut Camilleri qabad u hareg minn Isouard Street jew f'dak il-mument ghazel li jiehu riskju u jaqsam it-triq.  Il-konvenut Camilleri kif jirrizulta mix-xhieda kien kompletament wieqaf.

Dwar l-oneru tas-sewwieq f'Marsa Road ghalkemm huwa kien ghaddej ghad-dritta u ma kienx obbligat illi jcedi ghat-traffiku li jixtieq jaqsam it-triq, dan ma jfissirx illi huwa seta' jsuq b'mod traskurat u nuqqas ta' diligenza.  Hemm prova mhux kontradetta illi s-sewwieq tal-vettura G-2026 kien ghaddej bi speed eccessiv:  PS 1283 Carmelo Costa xehed illi l-vettura G-2026 kien semaghha l-ewwel darba meta kienet gejja minn Race Course Street u gibidlu l-attenzjoni is-silencer ghaliex kien jghajjat hafna – il-vettura kienet "ghaddejja bi speed kbir" "bi speed eccessiv". Redeemer Gauci xehed illi din il-vettura kienet tiela' "gas down", b'hafna speed minn Marsa Road, ….. u ma setghetx izzomm il-brake biex tevita l-karrozza l-ohra." Carmelo Camilleri xehed illi "kienet ghaddejja bi speed kbir."

F' "Jesmond Bonello vs Giulio Baldacchino" (Vol. LXXXI. ii 162) deciza fil-15 ta' Jannar 1997, l-Onor. Qorti tal-Appell irriteniet illi: "Il-velocita eccessiva (li in civilibus mhix limitata ghall-velocita in eccess ta' dak regolamentari, imma tista tkun in eccess ta' dik konsentita lil sewqan prudenti skond il-lokalita u c-cirkostanzi) tista' titqies bhala fattur li jaddebita responsabbilita' jew kontributorja ghas-sinistru fil-kazijiet fejn jew jigi ippruvat li dik il-velocita kienet ukoll kawza prossima u immedjata tas-sinistru fih innifsu jew li jkun ikkontribwixxa b'mod rilevanti ghall-aggravament tad-danni kagonati mill-istess sinistru."

Fix-xhieda prodotta hemm indikazzjoni cara illi l-vettura G-2026 kienet ghaddejja b'certa velocita' u b'tali velovcita' illi s-sewwieq ma setax jieqaf, jisslowja jew jaghmel manuvra sabiex jimminimizza eventwalita' ta' incident. Huwa kiser ghal fuq il-lemin tieghu qasam il-karreggjata opposta u baqa' tiela' fuq il-bankina meta tajjar lill-minuri Gauci. Ma jistax jinghad illi l-konvenut psaila kien qed isuq b'mod diligenti jew prudenti f'post residenzjali fejn il-limiti tal-velocita' ghandhom ikunu imharsa. Ma tressqet l-ebda prova illi l-vettura D-8264 kienet qeghda tostakola it-traffiku li kien ghaddej minn Marsa Road, ghaliex anke mix-xhieda jirrizulta illi kienu ghaddew xi karrozzi qabel ma avvicinat dik tal-konvenut Psaila.

Ghalhekk hija l-fehma tal-Qorti li l-incident gara unikament tort tal-konvenut Fabio Psaila li ghandu jwiegeb ghad-danni konsegwenzjali li l-Qorti se tghaddi ghal-likwidazzjoni taghhom"

Id-danneggjat huwa intitolat ghad-danni li jirrizultaw kemm bhala *damnum emergens* kif ukoll bhala *lucrum cessans*. Issa ghalkemm l-attrici Anna Pace fis-seduta ta' l-20 ta' Mejju 1999 ipprometiet li se tesebixxi l-ircevuti ta' l-ispejjez medici, dan m'ghamlitux u ghalhekk ma' jista' jigi likwidat l-ebda ammont ghad-*damnum emergens*. Jibqa' ghalhekk biex jigi kkunsidrat il-*lucrum cessans*.

L-incident in kwistjoni gara fis-6 ta' Mejju 1995 meta t-tifel Redeemer Gauci kien ghad ghandu disa' snin (skond id-Dok. RD2 a fol. 9 id-data tat-twelid tieghu huwa s-17 ta' Lulju 1985). Mir-rapport mediku jirrizulta li huwa sofra ksur tal-pubis tal-lemin u tfekkik (sprain) tal-gog sacroiliac tax-xellug. Il-perit mediku kkummenta hekk: "Il-ksur ma nvolviex il-gog tal-ingropp xellugi, u r-ritratti sentejn wara juru l-ksur maghqud sewwa u

l-gog tal-ingropp normali. Ghalkemm Redeemer hass xi ftit skomdu meta r-rigel xellugi hrigtu kemm johrog 'il barra, l-ezami kliniku ma weriex nuqqas ta' moviment jew xiehda ta' nuqqas ta' funzjoni fir-rigel. Jidher pero` li l-ligamenti tal-gog sacroiliac xellugi kienu mzarta, u dan fl-opinjoni tieghi wasal ghal bzonn li jinghata d-demm. Dawn il-ligamenti ghaqdu u fiequ izda ma gewx bhal ma kienu, cioe` pprecipitaw xi ftit ugiegh meta tghawweg 'il quddiem s'isfel u meta ghafast fuqhom. Redeemer ghadu zaghzugh u l-potenzjal ta' fejqan huwa allura aktar, izda dan il-gog jibqa' dejjem xi ftit immakkjat."  Huwa stabilixxa li Redeeemer Gauci sofra dizabilita` permanenti ta' 6%.

Skond l-artikolu 1045 tal-Kodici Civili:

> "(1) Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-dispozizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-ghemil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qligh iehor attwali, u t-telf ta' qligh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali li dak l-ghemil seta' jgib.
>
> (2) Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapacita` ikkagunata u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara."

Ghalkemm meta gara l-incident Redeemer Gauci kien ghad ghandu disa' snin, dan ma jfissirx li ma kellux aspettattiva ta' hajja lavorattiva twila u normali kif ukoll lukrativa. Fl-istess hin il-Qorti ma thossx li tista'

takkordalu l-hajja massima lavorattiva ta' 43 sena, cioe` minn tmintax-il sena sa wiehed u sittin. Kieku kellha taghmel hekk, dan *"would make no allowance for the 'vicissitudes of life' (eg. premature death) which may affect the plaintiff after the accident or which might have affected him but for the accident. In other words, the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income"* (The Law of Tort – W.V.H. Rogers, 1994, 2nd ed., p. 228).

Tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz u tal-persuna inkapacitata, il-Qorti se tibbaza l-kalkoli taghha fuq *multiplier* ta' 35 sena.

Ghal dak li jirrigwarda l-paga li fuqha l-Qorti se tibbaza l-kalkoli opportuni, tenut kont tal-fatt li Redeemer Gauci ghadu student u ma jistax jigu eskluzi prospetti ta' xoghol li allura permezz t'hekk jaqla' aktar mill-*minimum wage*, il-Qorti se tiehu bhala bazi paga medja bazika ta' Lm60 fil-gimgha.

Filwaqt li l-incident gara fis-6 ta' Mejju 1995, ic-citazzjoni giet intavolata fit-18 ta' April 1996 u ghalhekk il-kawza ser tkun giet deciza f'inqas minn hames snin. In lineja ma' gurisprudenza l-aktar recenti ghandu jkun hemm temperament fid-deduzzjoni li ssir ghal *lump sum payment*. Fic-cirkostanzi tqis gust deduxxjoni ta' 10%. Ghalhekk il-*lucrum cessans* irid jigi kalkolat hekk:

Lm60 x 52 (gimghat) …………………………….. Lm 3,120

Lm3120 x 35 (sena) ………………………………. Lm109,200

6% dizabilita` ……………………………………… Lm 6,552

10% *lump sum payment* …………………………… Lm 655

Ammont dovut ……………………………………… Lm 5,897.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi, filwaqt li tillibera lill-konvenut Karmenu Camilleri mill-osservanza tal-gudizzju, tilqa' t-talbiet ta' l-atturi fil-konfront tal-konvenut Fabio Psaila u

(1) tiddikjara li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni okkorra bi htija esklussiva tal-konvenut Fabio Psaila,
(2) tillikwida d-danni sofferti minn Redeemer Gauci fl-ammont ta' Lm5,897,
(3) tikkundanna lill-konvenut Fabio Psaila jhallas lill-atturi din is-somma ta' Lm5,897 bl-imghax millum sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut Fabio Psaila.

**Onor. Imhallef**
**Dottor David Scicluna**

**D/Registratur**